Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 666/2003

**Café Bar (Malta) Limited**
**vs**

**Flower Power Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm311.74) hlas ghall-kiri ta' magna tal-kafe' mas-socjeta' attrici fit-30 ta' Novembru, 2000;**

**Illi s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas parti mill-kera ghas-sena 2002 li tammonta ghal sitta u disghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm96.11) kif ukoll il-kera ghas-sena 2003 li tammonta ghal mitejn u hmistax il-lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm215.63);**
**Bl-interessi u l-ispejjez legali.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Lino Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm311.74) bl-imghax legali mis-16 ta' April, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------